SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
*e*mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 54/K6/12

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 07/03/'12  283**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 07/03/'12  338**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Erbgħa 7 ta' Marzu 2012.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marisa Micallef.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

1.1.02 Peress li din hi l-aħħar laqgħa ta' dan il-Kunsill, iċ-Ċermen irringrazzja lill-Membri kollha li volontarjament taw sehemhom matul din il-leġislatura għall-ġid tar-residenti u tal-

lokalita’ u awguralhom il-ġid u s-saħħa għall-futur lill-kulħadd speċjalment lill-Kunsilliera Edgar Montanaro u Ronald Agius li mhux ser jerġgħu joħorġu għall-Kunsill li jmiss.

1.1.03 Il-Kunsilliera Edgar Montanaro u Ronald Agius irreċiprokaw l-isbaħ xewqat u offrew l-għajnuna tagħhom kull fejn hu possibbli.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa’ fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-2 ta’ Marzu 2012. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta’ Minuti
2. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
3. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta’ Minuti**

**Minuti - Kunsill**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 53/K6/11 għall- approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 53/K6/12.

1.3.03 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Minuti - Kumitat Amministrattiv**

1.3.05 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 19/KA1/12 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi ‘A’ ).

**2 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ‘B’).

2.02 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

2.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

2.05 Iċ-Ċermen għamel riferenza għall-korrispondenza 1110/12 (Ara Appendiċi 'C') u ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li residenta allegat li għamlet ħsara fil-vettura tagħha fi Triq San Mark u qed titlob li titħallas €50 għall-ispejjez li għamlet.

2.06 Il-Kunsill qabel unanimament li titħallas.

2.07 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li rċieva fattura oħra mingħand l-ARMS Ltd. (fattura nru. 14768067 datata 22 ta' Frar 2012 – Ara Appendiċi 'D') għall-ammont ta' €775.10 li għandha x'taqsam mal-Pjazza fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Din il-fattura ntbagħtet lill-Awtorita' tat-Turizmu biex titħallas mill-Awtorita' minħabba li x-xogħol fil-Pjazza Wesgħet Guze' Tanti sar min-naha ta' l-Awtorita' tat-Turizmu u mhux mill-Kunsill.

2.08 Saret riferenza għall-Minuti 53/K6/12 taqsima 2 paragrafu 2.02. Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Aġenżija Żgħażagħ li l-ammont ta' €150 li ser ihallas il-Kunsill ikopri biss taħriġ wieħed. Għalhekk peress li ser isiru żewġ taħriġiet l-Aġenżija talbet li l-Kunsill jikkunsidra li jħallas €150 oħra.

2.09 Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezjoni.

2.10 Ġie deċiż unanimament li l-kontijiet li l-Kunsill jirċievi sa l-aħħar ta' Marzu 2012 inkluż dawk li jiġu ċċertifikati mill-Contracts Manager jithallsu.

2.11 Ser isir transfer ta' €50,000 mill-BOV għall-HSBC.

## 3 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3145 sa 3160 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3145 sa 3160.

3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament

3.05 Saret riferenza għal avviż li deher biex jiġu rranġati żewġ bibien u biex isiru xkaffar. Il-Kunsill ġie nfurmat li rċieva l-kwotazzjonijiet mingħand Trends Limited (Ara Appendiċi 'F' u 'G').

3.06 Ġie deċiż unanimament li tingħata l-works order lill-Trends Limited biex isiru x-xogħolijiet ta' l-ixkaffar.

3.07 Fir-rigward il-kwotazzjoni tal-bibien din ser tintbagħat lill-Island Insurance Brokers u l-works order biex jiġu rranġati l-bibien tingħata lill-Trends Limited wara li l-Kunsill jingħata konferma mill-Insurance li l-bibien jistgħu jiġu rranġati.

3.08 Ser jibqgħu jinħarġu *works orders* għal xogħolijiet urġenti.

3.09 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fit-3.30p.m.

3.10 Dawn il-Minuti 54/K6/12 ġew moqrija nhar il-Erbgħa 7 ta' Marzu fil-preżenża tal-Kunsilliera kollha.

3.11 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 54/K6/12.

3.12 Il-Kunsillier Norman Vella issekondaha.

3.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.14 Iċ-Ċermen għalaq il-laqgħa fil-3.50p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |